MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2013

Numru 12/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Robert Cilia u**
**Pauline Ruth Cilia**

**Il-Qorti**:

*L-Att ta' Akkuża*

**1.** Rat l-Att ta' Akkuża miġjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fid-19 ta' Frar 2010 kontra l-imsemmija Robert

Cilia u Pauline Ruth Cilia li permezz tiegħu l-istess Avukat Ġenerali akkużahom talli (1) assoċjaw ruhhom ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex ibiegħu jew jittraffikaw il-mediċina MCCP f'Malta bi ksur tad-disposizzjonikjiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha, jew ippromovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assoċjazzjoni; (2) biegħu jew offrew li jbiegħu, ittraffikaw jew offrew li jittraffikaw l-mediċina psikotropika 1-(3-Chlorophenyl)piperazine (MCCP), li hija kkontrollata u ristretta bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika; (3) kellhom fil-pussess tagħhom il-mediċina psikotropika 1-(3-Chlorophenyl)piperazine (MCCP) li huma kkontrollati u ristretti bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika;

*L-eccezzjonijiet tal-akkuzat*

**2.** Rat in-noti tal-eċċezzjonijiet separati iżda identiċi tal-akkużati Robert Cilia u Pauline Ruth Cilia it-tnejn tat-30 ta' Marzu 2010 li biha eċċepew:

1. In-nullita` tat tieni kap ta' l-att ta' akkuża in kwantu l-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat fih dedott ma ġiex ċitat;

2. Il-konfiska mitluba fir-raba' kap ta' l-att ta' akkuża ma hijiex kontemplata fil-liġi;

3. L-inammissibilita` tar-relazzjoni ta' l-ispiżjar Mario Mifsud u konsegwentement tax-xiehda tiegħu in kwantu mar oltre n-nomina lilu mogħti mill-Maġistrat Inkwirenti;

4. L-inammissibilita` tar-relazzjoni ta’ Dr. Vincent Galea in kwantu jikkostitwixxi *hearsay evidence*.

*L-ewwel żewġ eċċezzjonijiet irtirati*

**3.** Rat li b’verbal u nota tas-16 ta’ Frar 2011 l-akkużati irtiraw t-tieni eċċezzjoni tagħhom waqt li b’nota tat-8 ta’ Ġunju 2011 rtiraw ukoll l-ewwel eċċezzjoni tagħhom.

*Is-sentenza appellata*

**4.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tad-9 ta’ Novembru 2011 li permezz tagħha wara li rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-akkużati u semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri u tal-uffiċjal prosekutur, u wara li rat li t-tieni u l-ewwel eċċezzjoni kienu ġew rtirati mill-akkużati iddisponiet mit-tielet u r-raba’ eċċezzjonibilli ċaħdet it-tielet eċċezzjoni tal-akkużati u rriservat li tiddeċiedi fuq ir-raba’ eċċezzjoni fl-udjenza wara li tqis ix-xiehda tal-Avukat Vincent Galea sabiex tara jekk hijihiex ta “importanza sostanzjali” għall-kawża jew le.

*L-appell tal-akkuzat*

**5.** Rat ir-rikors tal-appell tal-akkużati Robert Cilia u Pauline Ruth Cilia tal-14 ta’ Novembru 2011 li bih talbu li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza msemmija tal-Qorti Kriminali tad-9 ta’ Novembru 2011 u minflok tilqa’ t-tielet u r-raba’ eċċezzjoni tagħhom.

**6.** L-aggravji tal-akkużati appellanti huma sostanzjalment kif ġej.

**7.** L-ewwel aggravu tal-akkużati appellanti jirrigwarda l-mod kif l-ewwel Qorti ddisponiet mit-tielet eċċezzjoni peress li l-akkużati jilmentaw mill-fatt li l-ispiżjar Mario Mifsud kien ġie maħtur bħala espert mediku mentri l-istess Spiżjar Mifsud għamel eżerċizzju li ma kellux x’jaqsam man-nomina tiegħu peress li għadda biex janalizza s-sustanza li nstabet fil-vettura u fir-residenza tal-akkużati.

**8.** Fit-tieni aggravju tagħhom l-appellanti jsostnu li apparti li din il-Qorti ġia stqarret li ma kinitx tara għala huwa neċessarju li jitqabbad "perit" jew "espert" għall-għan li għalih ġie mqabbad l-espert Dr. Vincent Galea in kwantu li r-relazzjoni tiegħu ma setgħetx tinċidi fuq il-ħtija ta' l-akkużati, il-*hearsay* f'dan il-każ huwa kapriċċuż in kwantu l-Avukat Ġenerali lanqas biss indika lill-persuni msemmija fir-relazzjoni fil-lista tax-xhieda tiegħu, u għalhekk kwalsiasi aċċenn għall-artikoli 598 u 599, skont l-akkużati appellanti, huwa rrilevanti.

*Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti*

**9.** In kwantu għall-ewwel aggravju, jirriżulta li fuq rapport tal-Ispettur Victor Aquilina tal-25 ta' Mejju 2008 li permezz tiegħu ġie rapportat *inter alia* li kienet saret sejba ta' kwantita` ta' pilloli allegatament *ecstasy* fin-Naxxar fil-kors tal-inkjesta *in genere* relattiva il-Maġistrat Inwirenti innomina biex jassistuh lill-iSpiżjar Mario Mifsud "bħala espert mediku biex jistabbilixxi l-fatti kollha rilevanti dwar il-każ". L-imsemmi Spiżjar Mifsud espleta l-inkarigu tiegħu u kkonferma l-operat tiegħu bil-ġurament fil-kors tal-kumpilazzjoni sussegwenti fil-preżenza tal-imputati, l-akkużati odjerni. Huwa xehed li huwa kien ġie appuntat biex jagħmel analiżi ta' 4 dokumenti. Mill-analiżi li huwa għamel irriżultaw traċċi ta' kokaina, u nstabu wkoll is-sustanzi MDMA u MCPP li jissejħu *ecstasy*.

**10.** L-appellanti jsostnu li, peress li l-iSpiżjar Mario Mifsud kien ġie nominat mill-Maġistrat Inkwirenti "bħala espert mediku" u l-istess Spiżjar Mario Mifsud fir-relazzjoni tiegħu u fix-xhieda konsegwenzjali tiegħu kien mar oltre n-nomina mogħtija lilu, l-istess xhieda u relazzjoni kienu skont il-liġi inammissibbli. In sostenn tal-eċċezzjoni tagħhom l-akkużati appellanti jiċċitaw dak li qalet din il-Qorti komposta minn Imħallef wieħed fis-sentenza tagħha tat- 23 ta' Awwissu 2010 fl-ismijiet "Il-Pulizija v John M. Magro" fejn ikkritikat l-inkarigu ferm impreċiż li ingħata lill-esperti nominati f'dik il-kawża li ġew nominati "bis-soliti fakultajiet" li dik il-Qorti fissret li hi espressjoni li ma tfisser xejn. Din il-Qorti kif komposta wkoll tikkondividi il-fehma

hemm espressa. B'danakollu, din il-Qorti eżaminat bir-reqqa is-sentenza ċitata u jirriżulta li, minkejja l-inkarigu nebuluż għall-aħħar li ingħata lill-esperti f'dik il-kawża din il-Qorti komposta minn Imħallef wieħed ma waslitx sabiex fis-sentenza ċitata tiddikjara inammissibbli la r-relazzjoni tal-esperti msemmija u anqas id-depożizzjoni tagħhom u di fatti ddeċidiet il-kawża fuq konsiderazzjonijiet diversi.

**11.** L-eċċezzjoni ta' inammissibilita' tippresupponi xi dispożizzjoni tal-liġi li teskludi dik il-prova milli tinġieb 'il quddiem fil-proċess. L-artikolu li jirregola l-ħatra ta' perit fil-proċeduri kriminali huwa l-artikolu 650. Dan l-artikolu fis-subartikolu (2) tiegħu jirrikjedi li l-perit għandu jiġi maħtur mill-Qorti. Fil-każ odjern hekk sar. Imbagħad is-subartikolu (5) tal-istess artikolu jipprovdi li "Il-qorti, kull meta jkun hemm bżonn, tagħti lill-periti d-direzzjonijiet meħtieġa". Dan sar ukoll għaliex l-inkarigu tal-iSpiżjar Mario Mifsud ġie speċifikat mill-Maġistrat Inkwirenti bħala "biex jistabbilixxi l-fatti kollha rilevanti dwar il-każ". Din id-deskrizzjoni tal-inkarigu mogħti lill-espert tħalli ħafna x'jiġi desiderat iżda ma jistax jingħad li ma tissodisfax il-vot tal-liġi li fuq kollox ma tirrikjedix *sine qua non* li l-espert jingħata tali direzzjonijiet għaliex l-istess liġi, kif ingħad, tipprovdi li dawn id-direzzjonijiet jingħataw "kull meta jkun hemm bżonn".

**12.** Fost il-fatti relevanti li kellhom jiġu stabbiliti kien hemm ċertament jekk kienx hemm sustanzi fost id-dokumenti elevati u esibiti, u jekk kien hemm, x'kienet in-natura ta'dawk is-sustanzi. Meta l-iSpiżjar Mario Mifsud għamel l-analiżi u l-identifikazzjoni tas-sustanzi misjuba l-operat tiegħu kien għalhekk konformi mal-inkarigu mogħti mill-Maġistrat Inkwirenti "biex jistabbilixxi l-fatti kollha rilevanti dwar il-każ". Għal din ir-raġuni ma jistax jiġi ritenut, kif allegat fl-eċċezzjoni tal-akkużati appellanti, li l-operat tal-Ispiżjar Mario Mifsud "mar oltre n-nomina lilu mogħti mill-Maġistrat Inkwirenti". Il-Maġistrat Inkwirenti bla ebda dubbju kien ben konsapevoli min-natura tal-ispeċjalita' tal-espert Mario Mifsud tant li fid-digriet tiegħu l-istess Maġistrat indikah bħala "Spiżjar Mario Mifsud" u għalhekk kien ben konxju li l-ħila partikolari tal-istess Mario Mifsud kienet dik ta' spiżjar. Il-fatt li l-istess Maġistrat issokta biex

impreċiżament u b'mod superfluwu jżid "bħala espert mediku" meta kjarament kien qiegħed jinnomina "Spiżjar" ma tirrendix ir-relazzjoni tal-iSpiżjar Mario Mifsud u jew id-depożizzjoni tiegħu inammissibbli għaliex dik in-nomina, l-inkarigu li ngħata, u l-operat in segwitu lkoll jikkonformaw ma' dak rikjest mill-liġi li għalhekk ma teskludix li ssir il-prova tagħhom. Dan l-aggravju qiegħed għalhekk jiġi respint u s-sentenza appellata dwar it-tielet eċċezzjoni ser konsegwentement tiġi konfermata.

**13.** It-tieni aggravju tal-akkuzati jirrigwarda r-raba' eċċezzjoni u li biha l-akkużati appellanti jippretendu li għandha tiġi sfilzata r-relazzjoni tal-avukat Dr. Vincent Galea peress li skont l-appellanti tikkostitwixxi *hearsay*. L-avukat Dr. Vincent Galea kien ġie nominat mill-Qorti Istruttorja fis-27 ta' Mejju 2008 (fol. 8 tal-atti istruttorji) sabiex jagħmel lista eżawrjenti tal-assi kollha tal-imputati, llum l-akkużati appellanti, skont l-artikolu 5(1)(a)(b) tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta. Dr Vincent Galea espleta l-inkarigu tiegħu billi fid-depożizzjoni quddiem il-Qorti Istruttorja fis-7 ta' Ottubru 2008 (fol 112 tal-atti istruttorji) kkonferma bil-ġurament ir-relazzjonijiet tiegħu Dok. VG (rigward Robert Cilia) u Dok. VG1 (rigward Pauline Ruth Cilia) li huwa esibixxa waqt l-istess depożizzjoni.

**14.** L-Avukat Dr. Vincent Galea esegwixxa l-inkarigu tiegħu permezz ta' riċerki estensivi ma' diversi persuni u entitajiet kondotti prinċipalment permezz ta' korrispondenza li ntbagħtet lilhom minn Dr. Galea li biha talab l-informazzjoni meħtieġa u li rċieva risposti bil-miktub għalihom. Fuq ir-risposti msemmija huwa imbagħad wasal għall-konklużjonijiet tiegħu u rrelata dwarhom. L-aggravju tal-appellanti jistrieħ prinċipalment fuq tliet ilmenti: jilmentaw li b'ebda mod ma jista' jingħad li r-relazzjoni tista' tinċidi fuq il-ħtija ta' l-akkużati, li tikkostitwixxi *hearsay*, u li hi manifestament kapriċċuża ghaliex l-Avukat Ġenerali anqas biss indika lill-persuni msemmija fir-relazzjoni fil-lista tax-xhieda.

**15.** In kwantu għall-allegazzjoni li r-relazzjoni ma tirriżultax li tista' tinċidi fuq il-ħtija tal-akkużati, dan l-ilment jindirizza l-kwistjoni tar-relevanza tal-istess relazzjoni u

mhux l-ammissibilita` tagħha u din il-Qorti kemm-il darba kellha l-okkażżjoni tiġbed id-distinzjoni bejn ammissibilita' u relevanza u li f'dan l-istadju jistgħu jiġu esklużi biss provi ritenuti inammissibbli waqt li r-relevanza ta' prova sta li tiġi apprezzata u deċiża mill-Imħallef togat li jkun jippresjedi l-proċess fil-mertu fl-ewwel istanza. Ma jistgħux f'dan l-istadju jiġu dikjarati inammissibbli mill-ewwel Qorti provi fin-nuqqas ta' xi regola legali li teskludi l-produzzjoni taghhom. Dan ormai huwa ben assodat fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti[1] li din il-Qorti ma hix bi hsiebha hawnhekk tirripeti. Għalhekk, il-provi impunjati ma jistgħux jiġu esklużi għar-raġuni hawn mogħtija mill-akkużati.

**16.** It-tieni lment li fuqu jistrieħ dan l-aggravju jikkonsisti fil-fatt li r-relazzjoni u x-xiehda impunjata tikkostitwixxi *hearsay*. Hu inkontestabbli li r-relazzjoni ta' Dr. Galea hi mibnija fuq dak li qal ħaddieħor u li għalhekk anki d-depożizzjoni tiegħu hi neċessarjament bażata fuq dak li qal ħaddieħor. Iżda din il-Qorti anki f'dan ir-rigward, ġia` ripetutament irriteniet[2], illi jekk din ix-xiehda tkunx tikkostitwixxi *hearsay* jew le jiddependi mill-użu li min jipproduċiha jkun qed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun *hearsay evidence* u bħala tali, bħala regola, ikun inammissibbli. Iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova ta' dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal, allura dan ma jkunx *hearsay evidence* iżda prova diretta li bħala tali tkun ammissibbli salv il-kunsiderazzjoni tar-relevanza ta' dik il-prova li, kif ġia` ingħad, hi riservata ghall-apprezzament fil-mument opportun mill-Imħallef togat fil-kors tal-proċess fil-mertu fl-ewwel istanza. Inoltre, anki jekk il-prova tkun waħda *hearsay* kif korrettement intiża kif hawn spjegat, il-liġi tammetti ċerti eċċezzjonijiet għall-inammissibilita' ta' prova *hearsay* kif previst fl-artikolu 599 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, reż applikabbli għall-proċeduri kriminali bl-artikolu 645 tal-Kodiċi Kriminali, li jipprovdi li "Il-qorti tista, skont iċ-

---

[1] Ara b'ezempju s-sentenza ricenti ta' din il-Qorti tal-10 ta' Novembru 2011 fl-ismijet Repubblika v Mustafa Ahmed El Gamoudi u l-gurisprudenza hemm citata.

[2] Rep v Meinrad Calleja, 26 ta' Mejju 2005 u riċentement Rep v Mario Azzopardi 5 ta' Lulju 2012

ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qis tagħha,...” fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-istess artikolu. Fost dawn iċ-ċirkostanzi hemm “meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jaghmel parti mill-meritu”.

**17.** It-tielet ilment li fuqu l-appellanti jserrħu dan l-aggravju huwa li skont l-appellanti ix-xiehda hi manifestament kapriċċuża ghaliex l-Avukat Ġenerali anqas biss indika lill-persuni msemmija fir-relazzjoni fil-lista tax-xhieda. Iżda kemm jekk ix-xiehda in kwistjoni tirriżulta li hi xiehda diretta minħabba l-għan li għalih tiġi prodotta kif spjegat hawn fuq u hi relevanti skont il-liġi, kif ukoll jekk l-istess xiehda tiġi ritenuta li hi *hearsay* korrettement intiża kif hawn spjegat, iżda tkun ġiet ammessa mill-Qorti għat-tenur tal-artikolu 599 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fuq imsemmi, ma hemm ebda htieġa skont il-liġi li, sabiex dik ix-xiehda tkun ammissibbli, ikunu jridu jiġi mħarrka wkoll il-persuni li fuq kliemhom tkun ser tingħata x-xiehda, għalkemm qabel il-Qorti tammetti x-xiehda fuq kliem ħaddieħor hu mistenni li l-Qorti fil-kunsiderazzjonijiet tagħha tqis ukoll jekk il-persuni li fuq kliemhom tkun ser tingħata x-xiehda setgħux ġew prodotti biex jixhdu huma direttament.

**18.** Għar-raġunijiet fuq mogħtija, għalhekk, din il-Qorti ma ssib xejn ċensurabbli fil-mod kif l-ewwel Qorti ddisponiet mir-raba’ eċċezzjoni meta ddeċidiet li tirriżerva li tiddeċiedi dwarha fl-udjenza wara li tqis ix-xiehda tal-Avukat Vincent Galea sabiex tara jekk hix ta’ “importanza sostanzjali” għall-kawża jew le. Dan l-aggravju qiegħed għalhekk jiġi respint ukoll.

**19.** Għall-motivi premessi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti Kriminali sabiex din tipproċedi ulterjorment fil-konfront ta’ l-akkużati appellanti Robert Cilia u Pauline Ruth Cilia.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------